# LIL NINU CREMONA

*Ta'* Rużar Briffa

Rajtek il-għolja titla' bit-tbatija
Il-għolja tal-għollieq
U tal-ħorrieq;
U drabi kont felħan,
U drabi bla serħan,
'Ma l-lehma waħda biss
Li ras il-għolja tmiss.

Il-lum 'il fuq wasalt...
Mhux iżjed il-għollieq,
Mhux iżjed il-ħorrieq,
Il-lum il-ferħ
W is-serħ.

Twarrad madwarek
Tgħammex 'l għajnejn il-lum
Xemx is-sbuħija,
W issaħħan demmek
Fix-xjuħija
Li tisboq
Ta' ħaddieħor
Iż-żgħożija.

7. 6. 60

**NINU CREMONA** hu figura mill-iżjed importanti u interessanti fl-istorja ta' lsienna. Id-dawl li kebbes hu fil-letteratura Maltija jibqa' jixgħel matul iż-żmien fil-qalb kbira taż-żgħażagħ.

**ĠUŻÈ CHETCUTI**